# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 61

**13 ta' Frar 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg– Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar– Kunsillier
Liam Gauci– Kunsillier
Anthony Buttigieg– Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja– Kunsillier
Herbert Conti– Kunsillier
John Mizzi– Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Mark George Abdilla – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**ASSENTI**

Michael Fenech Adami – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Dr.Josianne Cardona Gatt – Kunsillier
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Fleur De Lys

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, u s-Sur Kaylocke Buhagiar. Is- Sur Mark George Abdilla u s- Sinjura Marie Claire Zammit kienu assenti b' apologija. Il-Kunsilliera Dr.Josianne Cardona Gatt, is-Sur Michael Fenech Adami, u s-Sur John Borg. kienet assenti.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar, is-Sur Matthew Mangion kien assenti b'apoloġija.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dr. Francesca Zarb kienet assenti.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku. Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti l-konsulent finanzjarju s-Sur Christian Vella.

**61.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

61.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

61.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-ittra ta' apoloġija tas- Sur Mark George Abdilla, tas- Sinjura Marie Claire Zammit u tas-Sur Matthew Mangion. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġiji b'mod unanimu.

**61.2 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2016**

61.2.1 L- *Accountant* is-Sur Christian Vella beda jitkellem dwar ir-rapport finanzjarju għas-sena 2016 li ħejja flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neil Spiteri. Huwa ta spjegazzjoni fid-dettall ta' dan l-istess rapport. Ir-rapport finanzjarju jinsab anness mal-minuti.

61.2.2 L-*Accountant* is-Sur Christian Vella qal li il-kunsill baqa' f'pożizjoni stabbli speċjalment għall-fatt li nkisbu riżultati tajbin anke jekk il-kunsill għamel nefqa sostanzjali fi proġetti kapitali.

61.2.3 L-*Accountant* is-Sur Christian Vella qal li l-perċentwal tal-pożizzjoni likwida tal-kunsill hija ta' 47.11%, iżda hu spjega kif il-kunsill din is-sena ħallas dejn minn tas-snin ta' qabel. Hu qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħejja pjan ta' *cash flow* għal 4 snin biex nissottomettuh lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dan hu pjan realistiku u se jwassalna biex naqtghu d-dejn kollu.

61.2.4 Il-kunsill din is-sena rċieva madwar €172,000 *grants* ġodda u rnexxilna nagħmlu spiża kapitali ta' madwar € 474,000 li ntefqu fuq l-Arka ta' Fleur De Lys, l-ewwel fażi ta' tisbiħ f' Ta' Paris, u nfaqna €40,000 f'Tommaso Dingli. Irranġajna *playing field* fi triq San Ġiljan u kif ukoll kien hemm spiża sostanzjali ta' *playing field* fuq il-ġibjun Tal-Laqxija. Għamilna ukoll spiża fuq is-CCTVs, *improvement* fil-layout tal-uffiċċju u għamilna ukoll il-kampanja ta' *urban greening*.

61.2.5 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li dwar l-Arkata ta' Fleur De Lys, l-€10,000 li kienu mwegħdin mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali baqgħu ma ngħatawx.

61.2.6 Id-dejn li għandna ma' numru ta' fornituri minn €947,000 niżel għal madwar €600,000 (inkluż il-PPP), dan il-qtugħ ta' dejn ġie finanzjat minn sforzi kbar biex niġbru il-flus dovuti lilna minn barra.

61.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja saqsa kemm kien fadal dejn. L- *Accountant* is-Sur Christian Vella qal li meta wieħed jinjora l-PPP li speċi hu dejn approvat, ikun fadal madwar €400,000.

**61.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 6 ta' Marzu 2017 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 6 ta' Marzu 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |